# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 48/2021 ISB**

**Richard Mark Verby (passaport Ingliż numru 801775246) kif debitament rappresentat minn Roberta Giorgio (K.I. nru 52877M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti noe. **Roberta Giorgio**, intavolat fil-21 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Reġsitratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 9(4) tar-Regolamenti Dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19:*

   *(i) Jerġa jdaħħal l-isem tal-kumpannija Nomad Holdings Limited li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha C 75924 fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess kumpannija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma ġiex imħassar, salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun; u li*

   *(ii) Jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji u danakollu taħt dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrila xierqa u opportuni;*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi mir-rikorrenti Roberta Giorgio hija l-accountant tal-kumpannija Nomad Holdings Limited sa minn Jannar tas-sena 2020 liema kumpannija kellha n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha C 75924 (minn issa l-quddiem imsejjħa bħala "Nomad"); Illi s-Sur Richard Mark Verby huwa d-direttur u azzjonist tal-kumpannija Nomad;*

2. *Illi r-rikorrenti saret taf reċentement u ċioe madwar Jannar tas-sena 2021 illi r-reġistrazzjoni tal-kumpannija Nomad kienet ġiet imħassra minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji ai termini ta' Regola 9 (3) tal-Regolamenti Dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19.*

3. *Illi r-rikorrenti saret taf b'dan biss meta ndunat li l-isem tal-kumpannija ma kienitx tidher iktar fuq il-website tar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta (ir-"Reġistru") li għandha d-dmirijiet u l-funzjonijiet kollha tar-Reġistru tal-Kumpanniji taħt il-liġi;*

4. *Illi għalhekk ir-rikorrenti bagħtet email lir-Reġistru sabiex titlob għal kopji ta' ittrimjew notices maħruġa mir-Reġistratur intimat b'konnessjoni mal-fatt li ħassar il-kumpannija Nomad mir-Reġistru; Illi r-rikorrenti rċeviet risposta mingħand ċertu Ms Claudia Diacono fejn infurmatha li kienu bagħtu ittra datata 27 ta' Lulju 2020 lill-kumpannija fl-indirizz 'Ewropa Business Centre, Level 3-701, Dun Karma Street, Birkirkara BKR 9034, Malta' u li fil-14 ta' Settembru 2020 inħareġ in-'Notice by the Registrar of Companies' fil-gazzetta fejn Nomad ġiet indikata bħala waħda mill-kumpanniji li ġew imħassrin mir-Reġistru (ara*

*korrispondenza hawn annessa bħala Dok 'B' u l-ittra u Avviż mir-Reġistru imsemmija bħala Dok 'Bi' u Dok 'Bii');*

5. *Illi r-rikorrenti kienet sorpriża meta saret taf b'dan kollu u kien f'dan il-mument li ndunat li d-dokumenti li kienet bagħtet lir-Reġistru f'April 2020 (liema dokumenti kienu ntbgħatu online fit-2 ta' April 2020 kif ukoll bħala 'hardcopies' fit-22 ta' April 2020 – ara Dok 'C' hawn anness) ma ġewx ipproċessati mir-Reġistru; Illi dawn id-dokumenti li kienu ntbgħatu lir-Reġistru kienu indirizzati lil Ms. Melanie Damato flimkien ma' ċekk ta' EURO200 li fil-fatt kien ġie msarraf mir-Reġistru (ara Dok 'D' hawn anness); Illi dawn id-dokumenti jikkonsistu inter alia f''shareholders resolution' u Memorandum & Articles of Association aġġornat, Form's T,K u I minn fejn jirriżulta li Nomad saret 'single-member company' ċioe' fl-isem ta' Richard Mark Verby, kopja awtentika tal-passaport ta' l-istess Richard Mark Verby, kif ukoll Form Q fejn l-indirizz reġistrat ta' Nomad inbidel għal 'Tower Business Centre, 2nd Floor, Tower Street, Swatar, Birkirkata BKR 4013;*

6. *Illi rriżulta li għalkemm iċ-ċekk ġie msarraf mir-Reġistru, id-dokumenti kollha mibgħuta nkluż il-Form Q ma ġews ipproċessati mir-Reġistru u għaldaqstant l-ittra tas-27 ta' Lulju 2020 qatt ma ġiet riċevuta mill-kumpannija Nomad għaliex intbgħatet fl-indirizz ħażin;*

7. *Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'tali tħassir u għandhom kull interess li l-kumpannija Nomad terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru;*

8. *Illi r-rikorrenti lesti li jieħdu kull azzjoni oħra meħtieġa sabiex il-kumpannija Nomad tiġi regolarizzat;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 48);

Rat **id-digriet** tagħha tat-30 ta' Ġunju 2021, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021 fil-10:45 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta;

Rat illi fit-3 t'Awwissu 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 53) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Nomad Holdings Limited (C 75924) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-3 ta' Gunju 2016;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji, kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l- aħħar prospett annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2018 filwaqt illi l-istess kumpanija qatt ma rreġistrat kontijiet annwali matul iż-żmien kollu li kienet fuq ir-Reġistru;*

*Illi di piu', din il-kumpanija ilha mingħajr diretturi u segretarju tal-kumpanija sa mit-2 ta' Lulju 2018 (vide Dok.* ***"A"*** *u* ***"B"****);*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'Ċ'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) biex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa  Ewropa Business Centre, Level 3-701, Dun Karm Street, Birkirkara BKR 9034, datata, 27 ta' Lulju 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fl- 14 ta' Settembru 2020;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fl-14 ta' Settembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta, iżda rċieva biss ammont ta' dokumenti kif indikat mir-rikorrent biex jinbidlu xi membri, amministraturi u informazzjoni dwar il-kumpanija, iżda dawn l-istess dokumenti qatt ma kienu korretti u kif indikat u pruvat minn Dok. "***D***" anness, id-desk officer inkarigata minn din il-kumpanija bagħtet kemm il-email lil Roberta Giorgio biex tamenda id-dokumentazzjoni sottomessa kif indikat lilha, iżda għal xi raġuni dan qatt ma sar. Infatti l-aħħar email mibgħuta mid-desk officer Melanie Damato fit-3 ta' Lulju 2020 qatt ma ġiet imwieġba mill-istess Roberta Giorgio ir-rizultat illi l-informazzjoni tal-kumpanija qatt ma setgħet għaldaqstant tiġi updated.*

*Ta' min jenfasizza il-fatt ukoll illi għalkemm l-ittri mibgħuta lill-kumpanija qatt ma waslu għand l-istess kumpanija minħabba l-fatt li dawn kienu biddlu l-indirizz tal-kumpanija, din il-kumpanija tħalliet mingħajr indirizz reġistrat rikonoxxut għal kważi tliet snin. Madanakollu il-liġi hija ċara ħafna meta tippuntwalizza illi indirizz ta' kumpanija jinbidel biss bil- formula uffiċċjali Q, u għaldaqstant il-fatt illi f' Awwissu tas-sena 2017 CSP preċedenti iddisassoċja ruħu kompletament minn mal-kumpanija u qal li m'għadux joffri s-servizz tal-indirizz uffiċċjali tal-istess kumpanija, f' għajnejn il-liġi u f'għajnejn ir-Reġistratur, dak kien ghadu l-indirizz validu tal-*

*kumpanija u għaldaqstant, r-Reġistratur kien legalment korrett li jibgħat l-ittri fuq dak l-istess indirizz.*

*L-istess jista' jingħad dwar is-snin illi din il-kumpanija għamlet mingħajr direttur u segretarju. In fatti din il-kumpanija kienet ilha mit-2 ta' Lulju 2018 mingħajr direttur u segretarju, sitwazzjoni li tmur ukoll kontra l-Att dwar il-Kumpaniji. Li kieku dan ma kienx il-każ, dawn l- avviżi ta' striking off kienu jircievuhom ukoll id-diretturi tal-kumpanija bħal ma huwa prassi li jsir.*

*Minn barra dan kollu l-avviż fuq il-gazzetta the Times of Malta kien ġie ippublikat għal informazzjoni tal-pubbliku in ġenerali u għaldaqstant xorta jibqa' l-fatt illi kull min kien involut fil-kumpanija jew kellu xi interess illi din ma tiġix mneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji seta' joġġezzjona.*

*Ġja la darba xejn minn dan ma sar, nhar l-14 ta' Diċembru 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR300.***

*Illi di piu', il-penali fuq il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u nformazzjoni dwar sidien benefiċċjarji li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 4,322.***

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2023, dehret l-Avukat Sharon Pace Gouder għar-rikorrenti noe u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2023, ir-rikorrenti noe ppreżentat affidavit tar-rikorrenti **Richard Mark Verby** (fol 81).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Mejju 2023, minn fejn jirriżulta illi l-partijiet iddikjaraw li l-pendenzi kollha tas-soċjeta' Nomad Holdings Limited kienu ġew riżolti u bi qbil bejniethom, il-kawża setgħet titħalla għad-deċiżjoni u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għall-provvediment finali.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti noe ai termini tal-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, r-rikorrent, li huwa direttur u azzjonist tal-kumpanija **Nomad Holdings Limited (C 75924)**, qed titlob ir-rivvavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-14 ta' Settembru 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjeta' rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante x-xewqa tal-istess rikorrent li l-Kumpanija tibqa' topera.

Illi r-rikorrenti iddikjara mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Nomad Holdings Limited u filfatt iddikjara li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tkun f'posizzjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi fl-affidavit tiegħu **Richard Mark Verby** jgħid li huwa l-azzjonist, direttur u segretarju tal-kumpanija Nomad Holdings Limited (C 75924), b'effett mit-22 t'April 2020, liema kumpanija hija kumpanija ta' membru wieħed.

Jispjega li s-sottomissjoni ta' diversi dokumenti kienet tardiva minħabba problemi li ltaqa' magħhom ma' *accountants* li kien jaħdem bihom fil-passat, liema sitwazzjoni kien spjega lir-Reġistratur intimat f'korrispondenza miegħu. Jtenni li minkejja li eventwalment ġew sottomessi d-dokumenti kollha, il-*Malta Business Registry* ma kinitx irreġistrathom, fosthom il-Formula Q li kienet tikkontjeni informazzjoni dwar tibdil tal-indirizz uffiċjali, u għalhekk kwalunkwe informazzjoni li ntbagħtet ma waslitx għand il-kumpanija.

Jgħid li għalhekk huwa tal-fehma li l-*Malta Business Registry* ma kinitx ġusta meta neħħiet isem il-kumpanija mir-Reġistru. Jtenni li hu dispost li iħallas kwalunkwe somom li huma dovuti lill-istess Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benfiċċjarji tagħha ai termini tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*, kif ukoll il-kumpanija sfat mingħajr segretarja sa mill-2016.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations*[1]** , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija **Nomad Holdings Limited (C 75924)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellha s-soċjeta' rikorrenti illi tirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, is-soċjeta' rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjeta' rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Nomad Holdings Limited (C 75924)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Nomad Holdings Limited (C 75924)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Nomad Holdings Limited (C 75924)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**